# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 18 ta' April, 2001**

**Citaz.  numru:  2340/99 M2 NA**

**Michelle Caruana Dingli**

**vs**

**Gordin Caruana Dingli**

**Il-Qorti,**

Dan id-digriet gie provokat b'rikors ta' l-attrici tas-7 ta' Marzu 2000 fejn titlob lil din il-Qorti tirrevoka dik il-parti tad-digriet tas-7 ta' Settembru 1999 moghti mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili fejn giet imposta l-kondizzjoni illi "*l-partijiet huma projbiti li jesponu l-minuri ghall-presenza ta' terzi persuni tas-sess oppost li ma jkunux membri tal-familja.*"

Ghal dan ir-rikors saret ir-risposta tal-konvenut fis-17 ta' April 2000 fejn, ghar-ragunijiet hemm moghtija, jitlob lil din il-Qorti tichad it-talba attrici.

Ir-rikors gie finalment ittrattat fis-seduta tat-22 ta' Frar 2001 u differit ghad-digriet kamerali li sejjer jinghata llum.

Ikkunsidrat:-

Huwa ovvju illi d-digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili qieghed jirreferi specifikatament ghall-persuna tas-sess oppost fil-persuna ta' Dr. Antoine Gambin li mieghu l-attrici kellha xi kwalita' ta' relazzjoni extra-maritali wara li kienet *de facto* sseparata mar-ragel u mil-liema relazzjoni huwa allegat li anke twieldet tarbija. Dan qieghed jinghad peress illi l-iskop ta' dan id-digriet la huwa ntiz biex jigi skopert jekk fil-fatt ghadhiex tezisti din ir-relazzjoni u ferm anqas ma huwa ntiz biex tigi ricerkata l-paternita' ta' l-istess tarbija li kellha l-attrici.

Effettivament din il-Qorti ma ssib ebda diffikulta' li tvarja d-digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili fis-sens illi apparti minn membri tal-familja l-minuri jkunu jistghu wkoll jigu esposti ghall-persuni tas-sess oppost fis-sens ta' koppji li ilhom hbieb

tal-kontendenti ghal hafna snin, salv illi ma jigix indikat lill-istess Qorti illi anke dik l-esposizzjoni tista' tkun ta' hsara ghall-istess minuri.

Fir-rigward pero' ta' l-esposizzjoni tal-minuri ghal Dr. Antoine Gambin almenu f'dan l-istadju l-Qorti ma tara ebda raguni l-ghala ghandha tvarja l-kundizzjoni imposta mill-istess Sekond'Awla. Dan wara kollox mhu xejn hlief dak li ddikjarat u anke dak li xtaqet l-istess rikorrenti ghall-interess ta' l-istess minuri quddiem is-Sekond'Awla u quddiem is-Social Worker minnha appuntat. (1) "*B'dan li l-intimata qieghdha timpenja ruhha li tosserva skrupolozament id-digriet fejn jirrigwardja lill-Avukat Dr. Antoine Gambin*" (verbal tas-16 ta' Marzu 2000 wara li gie pprezentat ir-rikors odjern!). (2) "*Mrs. Michelle Caruana Dingli, in the childrens' best interests, agrees and undertakes to ensure that there will be absolutely no contact of any kind between her two children, Sarah and Lisa, and her man-friend, Dr. Antoine Gambin*", "*The whole of the agreement shall become null and void should Mrs. Caruana Dingli fail to avoid and prevent all contact between her daughters Sarah and Lisa and Dr. Antoine Gambin*". (L-arrangament li gie milqugh quddiem is-Social Worker Joseph Calleja).

Ghal dawn ir-ragunijiet it-talba hija michuda bl-ispejjez. Ovvjament, f'dan ir-rigward, id-digriet tas-Sekond'Awla ghadu vigenti fil-konfront taz-zewg partijiet minkejja illi m'hemmx talba mill-parti l-ohra li dana jigi varjat.

L-ispejjez huma rizervati.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.